*-Art 164(2) Kap 12 isalva att li jsir b'rikors ġuramentat minflok b'rikors*
*-azzjonijiet sui generis – ammissibilita` ta'*
*-ritassa – Art 64 tal-Kodiċi Ritwali – proċedura sommarja*
*-determinazzjoni tal-valur tal-kawża*

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 279/2014 GM**

**LEO U INES KONJUĠI MICALLEF**

**vs**

**REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

Seduta tat-3 t'Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ippreżentat mill-atturi fl-4 ta' April 2014 li permezz tiegħu ġie premess:

1. illi l-attur ippreżenta kawża ċivili fl-ismijiet "Leo Micallef et vs Avukat Dr.Kris Busietta" li ġiet deċiża fil-11 ta' Marzu 2014;

2. illi permezz tal-imsemmija kawża ċivili huwa talab hekk:

*Għaldaqstant l-esponenti Leo Micallef u martu Ines Micallef jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha-*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-attur tassew ta struzzjonijiet lill-konvenut biex jieħu passi għat-twettiq tal-wegħda magħmula fil-konvenju Dok. "A". Kif turi l-preżentata tal-ittra uffiċċjali Dok. "B" u żammew fermi l-istess struzzjonijiet;*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi n-nuqqas tal-konvenut li jsegwi l-istruzzjonijiet espressament mogħtija lilu mill-atturi kkawża danni konsiderevoli lill-atturi, li, minkejja li ħallsu għal servizzi professjonali lill-konvenut kif mitluba minnu sabiex huwa jimxi skont l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, spiċċaw bil-konvenju mhux imwettaq u b'dejn sostanzjali mal-Banek minħabba flus li ssellfu sabiex xtraw it-tieni proprjeta';*

*3. Tiddikjara għalhekk lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi, inkluż il-prezz tal-Villa, li huma kellhom jinkassaw kif ukoll l-imgħaxijiet imħallsa u/jew dovuti minnhom lill-Banek;*

*4. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Protest Ġudizzjarju tat-22 ta' Frar 2011, u tal-ittra privata tas-27 ta' Settembru 2011; u bl-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' €559,049.62, ekwivalenti għal Lm240,000, liema somma huma kellhom jiġbru u jinkassaw "mhux aktar tard mis-27 ta' Jannar 2009" skont l-imsemmi konvenju u li sal-lum huma għadhom ma rċevewx b'riżultat tal-aġir tal-konvenut, ħlief għad-depożitu msemmi fil-konvenju.*

3. illi ftit jiem wara li ġiet deċiża l-kawża biċ-ċaħda tat-talbiet tiegħu, ir-rikorrent irċieva l-avviż għall-ħlas hawn anness datat 24 ta' Marzu 2014, li bih huwa ġie mitlub iħallas is-somma ta' sebat elef, sitt mija u erba' Ewro u disgħin ċenteżmu (Eur7,604,90) u dan fi żmien erbat ijiem;

4. illi huwa qed jikkontesta l-mod kif ġie komputat dan il-kont, kif ukoll il-*workings* li jidhru fuq id-Dokument B, liema konteġġi eventwalment jiffurmaw il-qafas li fuqu tinħareġ it-taxxa tad-drittijiet u spejjeż ġudizzjarji mir-Reġistru;

5. illi r-raġuni għall-kontestazzjoni tiegħu hija li r-Reġistratur mexa differentament f'kawzi oħrajn, fosthom fl-intaxxar tal-kawża 'Charles Michael Gauci vs Alfred Vella propio et nomine' (Rikors numru 731/2003) li ġiet abbandunata mill-attur assenti u ddikjarata bħala deżerta, u li fiha minkejja li l-attur Charles Michael Gauci ddikjara huwa stess fuq liema ammont kien qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fil-kawża, ir-Reġistratur injora l-indikazzjoni tal-valur tal-kawża provduta mil-attur innifsu, u ddeċieda li jintaxxa l-kawża kif deherlu hu, fuq valur ferm inferjuri, mentri mar-rikorrent mexa mod ieħor;

6. illi r-Reġistratur hu marbut li jintaxxa l-kawża (i) skond il-liġi u (ii) b'mod uniformi minn kawża għal-oħra fl-istess kategorija ta' kawżi u sitwazzjonijiet;

7. illi din it-tassazzjoni hija manifestament żbaljata u fuq kollox diskriminatorja;

8. Għaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) tiddikjara u tiddeċiedi illi t-tassazzjoni tal-kont A kif ukoll id-Dok B hija manifestament żbaljata;

2) tiddikjara u tiddeċiedi illi t-tassazzjoni tal-kont Dok A kif ukoll id-Dok B hija ukoll diskriminatorja;

3) Tikkundanna lill-intimat Reġistru jagħmel ritassa maħduma skond il-liġi u kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti, b'mod uniformi u ugwali mal-metodu ta' tassazzjoni użat f'kawżi oħra fl-istess kategorija u ċirkustanzi.

Bl-ispejjeż kontra r-Reġistratur intimat.

Rat ir-Risposta maħlufa mressqa tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali fit-13 ta' Mejju 2014 li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi eċċepixxa:

1. Illi din il-kawża hija għar-ritassa. Bħala tali ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti għandu jindirizza t-talba tiegħu fil-konfront tal-partijiet kollha interessati, li ma sarx u kwindi din il-proċedura hija monka;

2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-taxxa kif redatta inħadmet b'mod korrett u skond il-liġi u l-prassi f'dawn il-każijiet. In fatti l-kawża kienet dwar dikjarazzjoni ta' responsabilita' għal-danni kawżati minn nuqqas li jsegwu struzzjonijiet, likwidazzjoni tad-danni u kundanna ħlas tad-danni likwidati. Illi kawża bħal din tiġi intaxxata ad valorem skond il-para 3 (1) tat-Tariffa A u para 13 tat-Tariffa E li jinsabu fil-Kapitolu 12;

3. illi fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' April 2014 l-attur Leo Micallef qal hekk: "Jiena qed nirreklama danni ta' €900,000." Illi jidher ċar minn dan illi l-pretensjoni u l-massa litiġjuza li l-attur kien qed jikkumbatti għaliha kienet din is-somma. Dan l-ammont ta' danni l-attur baqa' jinsisti għalihom anke' meta rrediġa n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ppreżentata fis-26 ta' Awwissu 2013 fejn insista li "liema danni reklamati jeċċedu €900,000;

4. illi r-reġistratur kien ikun qed jonqos kieku ma ntaxxax din il-kawża bil-mod de quo;

5 illi l-attur iġib l-argument illi r-Reġistratur mexa b'mod differenti fit-taxxa maħduma fil-kawża 731/2003 Charles Michael Gauci vs Alfred Vella et li ukoll kienet kawża da likwidarsi. Illi meta ntaxxa dik il-kawża r-Reġistratur qagħad fuq dak li joħroġ mill-atti u intaxxa fuq l-ammont likwidat mill-Perit Legali fil-kawża;

6. illi għalhekk ir-Reġistratur mexa l-istess fiż-żewġ taxxi indikati mill-attur;

7. illi l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza Av Leslie Grech noe vs Frank Abela et deċiza mill-Qorti Ċivili, Prim Awla fil-25 ta' Jannar 2002 fejn il-Qorti tenniet illi l-kawża tiġi ntaxxata skond id-domanda jew talba u skont il-valur in kontestazzjoni. Dan il-valur jiġi ndott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess u għal dan il-fini jistgħu u għandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u multo magis l-iskrittura mdaħħla fil-proċeduri bil-miktub. U kien dan li hekk sar f'dan il-każ.

8. illi għalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

9. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqgħod għal kwalsiasi ordni li toħroġ dina l-Onorabbli Qorti, iżda f'kull każ l-esponenti m'għandux isofri spejjeż ta' dawn il-proċeduri;

10. salvi jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-każ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-proċedura hija mibdija permezz ta' rikors ġuramentat. Permezz tagħha, l-atturi qegħdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li t-tassazzjoni li jirreferi għaliha fl-istess rikors promotur hija manifestament żbaljata; diskriminatorja; u konsegwentement tikkundanna lir-Registratur jagħmel ritassa maħduma skont il-liġi u kif jiġi ordnat minn din il-Qorti, b'mod uniformi u ugwali mal-metodu ta' tassazzjoni użat f'kawżi oħra fl-istess kategorija u ċirkostanzi;

Illi għalkemm ma jagħmlu l-ebda aċċenn għan-norma li fuqha jsejjsu t-talbiet tagħhom, huwa ċar li l-azzjoni tal-attur taqa' taħt id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 64(1) tal-Kap 12, li jiddisponi li taxxa maħruġa mir-Registratur tal-Qorti "**għandha tinbeda <u>b'rikors</u> li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti"**. Kjarament l-atturi m'humiex qegħdin jużaw l-proċedura rikjesta mil-liġi, għaliex istitwew il-kawza permezz ta' rikors ġuramentat minflok b'rikors; B'danakollu dan huwa kaz eċċezzjonali fejn l-liġi stess issalva l-att min-nawfraġju tan-nullita`: skont l-Art. 164(2) Kap 12 "**ma hemmx nullita` jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat"**. L-unika sanzjoni li timponi l-

liġi hi li, kif tissokta tagħmar l-istess disposizzjoni, "**kull żieda addizzjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur**";

Illi l-atturi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, jispjegaw li huma mhux qiegħed jagħmlu azzjoni "klassika" ta' ritassa, azzjoni *sui generis* billi fl-ewwel lok qegħdin jillimitaw ruħhom għal talba għar-ritassa tad-dritt tar-reġistru biss, u mhux ukoll għad-dritt tal-avukati, kif ukoll qiegħdin jallegaw li l-intaxxar tal-kawża sar b'mod diskriminatorju u arbitrarju meta mqabbel ma' tassazzjoni f'kawżi oħrajn;

Issa huwa minnu li ilu li għadda ż-żmien bikri tad-dritt Ruman meta biex wieħed seta' jieħu rimedju għal ksur tad-dritt sostantiv ried bilfors isib formola appożita, u jimxi magħha *ad unguem.* Dan il-kunċett formalistiku għandu l-għeruq tiegħu fid-dritt klassiku Ruman[1], li skontu, dak li ma kienx jikkonforma strettament mal-forma mposta tal-liġi la kien jeżisti u lanqas seta' jiġi msewwi. **Gaius** jagħti dan l-eżempju taħt is-sistema tal-*legis actiones*: attur li ħarrek lill-konvenut talli qatgħalu d-dwieli, tilef il-kawża minħabba li uża l-kelma "dwieli" meta kellu juża' l-kelma "siġar", għax il-liġi tat-*Twelve Tables*, li kienet ħolqot l-azzjoni, kienet titkellem f'termini ġenerali dwar "siġar" – *actio de arboribus succisis.*[2] Din is-sistema kienet odjuża minħabba l-formaliżmu u t-teknikalitajiet eċċessivi tagħha. Għalhekk, ikompli jgħid Gaius, is-sistema tal-*legis actiones* ġiet abolita mil-*lex Aebutia* u liġijiet oħrajn.[3] Dan il-każ, iżda, jservi biex jillustra, anki jekk b'mod karikaturali, id-dipendenza esaġerata tad-dritt sostantiv fuq il-forma proċesswali fid-dritt primittiv;

---

[1] Ara The Elements of Roman Law, ta' R.W. Lee, 4 ed., 1956, paġna 430

[2] G. 4. 30

[3] G. 4. 11.

Illi b'danakollu ż-żminijiet inbidlu. Bil-maqlub tal-kunċett Ruman, il-**Chiovenda,** missier id-dritt proċesswali kif nafuh illum, jgħallem li "***il processo deve dare per quanto possibile praticamente a chi ha un diritto tutto quello e proprio quello ch'egli ha diritto di conseguire***".[4] L-ekwivalenti fid-Dritt Anglo-Sassonu jidher li huwa ddistillat fl-aforiżma "*where there is a right, there is a remedy*". Dan il-prinċipju jinstilet mill-iskop tal-funzjoni ġurisdizzjonali, ċjoe\` l-attwazzjoni tal-liġi, u jwassal għal konċezzjoni konkreta tal-azzjoni: dik li skontha, għandhom ikunu ammissibbli l-forom kollha ta' tutela possibbli;

Illi din id-dottrina tal-Chiovenda, iżda, mhix waħda assoluta. Filwaqt li, fil-prinċipju, għal kull jedd għandu jkun hemm rimedju, u allura għal kull jedd irid ikun hemm forma ta' tutela mogħtija mid-dritt proċesswali ċivili; hemm limiti għal kemm dan jista' jsir – wieħed ovvjament tal-prattiċita\` u l-ieħor tal-liġi. Dwar il-prattiċita\` m'hemmx għalfejn jingħad wisq: ir-rimedju jrid ikun attwabbli fil-prattika, u mhux fit-teorija biss. Dwar il-legalita\`, filwaqt li l-għarfien ta' qagħda ġuridika sostanzjali tippostula l-ħarsien mill-ordinament, huwa daqstant ieħor veru li minħabba l-prinċipju tal-legalita\` imiss lill-ordinament **li jiddefenixxi l-istrumenti ta' tutela** biex iqiegħed fiż-żgur wkoll il-pożizzjoni leġittima tal-konvenut. Hekk per eżempju l-liġi toħloq bilanċ bejn it-tutela fil-forma speċifika u t-tutela risarċitorja. Mhux ammissibbli kull speċje ta' tutela li mhix espressament ipprojbita: dan iċajpar id-distinzjoni bejn id-dritt sostantiv u l-proċess. **Min jilmenta minn ksur ta' dritt, irid juża l-forom u l-mezzi ta' tutela provduti mill-ordinament proċesswali**. "*Si deve ritenere che proprio il principio di legalita\` opera come limite estremo al potere di azione e, pertanto, a quello correlato alla domanda, sicche\` a fronte della lesione*

[4] Giuseppe Chiovenda, *Principii*, paġna 81; *Istituzioni,* Vol I, paġni 42-439

*dell'interesse sostanziale spetta sempre alla legge definire i concreti mezzi di tutela predisposti dall'ordinamento*"[5];

Illi l-liġi ritwali tagħna tipprovdi rimedju speċifiku għal min ikun irid jattakka tassazzjoni ta' atti ġudizzjarji mir-Reġistatur tal-Qorti, għar-rigward ta' kawża li ntemmet, u dan tagħmlu permezz tal-Art. 64, li jippreskrivi li l-azzjoni "**għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi ttrattat sommarjament mill-Qorti".** Qajla hemm bżonn jingħad li l-eżami approfondit tal-kwistjoni ta' allegata diskriminazzjoni mir-Reġistratur hija assolutament inkompatibbli man-natura sommarja ta' dawn il-proċeduri. Jekk isir eżerċizzju bħal dan, il-proċedura ma tibqa' sommarja xejn u tkun qiegħdha tinkiser il-liġi proċedurali, li hija waħda ta' ordni pubbliku. Barra minn hekk, it-talba għad-dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni tmur kontra r-rimedju li l-Art. 64 huwa maħsub biex jagħti, u ċjoe` li t-tassazzjoni ssir skont il-liġi. Il-Qorti għalhekk ma tista' tħares lejn xejn iktar; ma tistax timraħ lil hinn mill-proċess mertu tat-taxxa mpunjanda. Xogħlha hu li tara li t-taxxa tinħadem skont it-tariffi stabbiliti fl-Iskeda A tal-Kap. 12. Xejn iżjed u xejn inqas. U tabilħaqq ma tistax tagħmel mod ieħor – ma tistax ma timxix skont l-Iskeda A, għax jekk tagħmel mod ieħor tkun qiegħdha hi stess tikser il-liġi. Anke fl-ipotesi li tkun saret diskriminazzjoni, ma tistax tintaxxa mod ieħor billi tqabbel '*like with like'*. Għalhekk it-talba li jiġi ddikjarat li saret diskriminazzjoni, apparti li hija barra minn lokha f'azzjoni bħal din, ma tistax tiġi kkunsidrata u wisq inqas tista' tintlaqa';

Illi – almenu f'dan il-każ partikolari, għax il-Qorti tixtieq tagħmilha ċara li hawn mhix qiegħdha tiġġeneralizza - lanqas jista' l-attur jagħmel kawża b'talbiet provenjenti minn azzjonijiet differenti, bħalma donnu qiegħed jallega li qiegħed jagħmel fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Jekk jagħmel hekk, ikun qiegħed jivvinta proċedura li m'hijiex ikkontemplata mil-liġi ritwali, li tikkonsisti

[5] Augusto Chizzini, La tutela giurisdizionale dei diritti, Art. 2907 - fis-serje Il Codice Civile Commentato fondato da Piero Schlesinger , ippubblikat sena 2018, paġna 138

f'azzjonijiet inkonċiljabbli ma' xulxin. Il-liġi tagħti iktar minn strument wieħed ta' tutela fil-każ ta' diskriminazzjoni – kemm "kostituzzjonali" kif ukoll permezz ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Art. 469A tal-Kap 12 - iżda l-ebda wieħed minn dawn l-istrumenti ma jista' jwassal għar-rimedju tat-tnaqqis tal-ammont li għandu jiġi ntaxxat – ir-rimedju li talvolta jista' jingħata fi proċeduri bħal dawn huwa għad-danni – ħaġa li l-atturi ma talbux fil-proċedura odjerna. Kjarament kemm in-natura kif ukoll il-fini ta' dawn il-proċeduri huma inkonċiljabbli ma' dawk tal-proċedura sommarja *ex* Art. 64 u għalhekk id-diversi azzjonijiet ma jistgħux jiġu mmiskjati flimkien. Li kieku din il-Qorti kellha tippermetti proċedura bħal din, tkun qiegħdha tiżra' l-kaos fejn il-leġislatur ried ipoġġi l-ordni u l-ispeditezza;

Illi għalhekk din il-Qorti qiegħdha tqis din il-proċedura bħala waħda li taqa' unikament taħt id-disposizzjonijiet tal-Art. 64. preċitat;

Illi fil-kawża in kwistjoni, li tagħha qiegħdha tintalab ritassa, l-atturi tallum – atturi wkoll f'dik il-kawża – talbu l-likwidazzjoni tad-danni, bla ma semmew ammont. Għal dak li jirrigwarda d-drittijiet tar-reġistru, Art. 3 ta' Tariffa A ta' Skeda A tal-Kap 12 jistabbilixxi r-rati applikabbli "meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi ntaxxat fuq valur stabbilit, jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi, jew mill-att innifsu";

Illi ġie stabbilit minn ġurisprudenza kopjuża u kostanti illi "t-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (*quod disputatum est*) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" (**Avv. Dr. Giuseppe Pace *et* -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine et***, Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru,

1948). Ugwalment, ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jigi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir *ad valorem* ..." (**Carmelo Axiak -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella *nomine et***, Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet **Leslie Grech *nomine* -vs- Frank Abela *et***, Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u **Loris Bianchi *et* -vs- Dottor Victor Borg Costanzi *nomine***, Appell Civili, 17 ta' April, 1978;

Illi fl-istess kawża, fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' April 2014 l-attur Leo Micallef qal hekk: "Jiena qed nirreklama danni ta' €900,000." Asserzjoni ripetuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu f'dik il-kawża. Għalhekk il-massa litiġjuża hija ben stabbilita – minn ħalq l-attur innifsu. Ir-Reġistratur mexa korrettement meta ntaxxa fuq dan il-valur;

Illi kwantu għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fejn jgħid illi l-kawża hija monka stante illi *ai termini* tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur kellu jindirizza t-talba tiegħu fil-konfront tal-partijiet kollha interessati, jidher li l-partijiet interessati f'din il-kwistjoni huma biss r-Reġistatur u l-atturi u għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħdha tiġi miċħuda;

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi min din il-kawża, billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba u tħalliha impreġudikata; tiċħad l-ewwel u t-tielet talba tal-atturi.

Bl-ispejjeż a kariku tal-atturi.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA